MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Frederick Attard
vs
Il-Ministru tat-Trasport u Portijiet; Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport u Portijiet; The Chairman, Air Terminal Board of Management; Air Terminal Board of Management u Malta International Airport p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta' bejn l-1991 u 1995, huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax hatriet u promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa nghata l-hatra (appointment) fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, fil-grad ta' 'Duty Management Officer', b'effett mid-19 ta' Marzu 1986. Huwa kien jaqdi d-doveri tieghu gewwa 'l-Air Terminal' ta' l-Ajruport ta' Hal-Luqa. Matul dan iz-zmien kollu, dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar efficjenza u responsabbilta`.

Wara l-elezzjoni ta' 1987 u f'perjodi differenti, intbaghtu diversi persuni biex jahdmu fl-'Air Teminal'. Fost dawn in-nies kien hemm uhud li, b'mod irregolari bdew jahdmu ix-xoghol ta' 'Duty Management Officers'. Sahansitra kien hemm min ufficjalment irrrifjuta dan l-istess 'appointment'. Illum hu jinsab maqbuz minnhom.

Fl-20 ta' Frar 1991, meta r-rikorrent kien trasferit fil-Muzew ta' l-Arkeologija fil-Belt Valletta, l-'Air Terminal Board of Management' hareg applikazzjoni ghal post ezekuttiv. Ir-rikorrent ma kienx jaf b'din is-sejha ghall-applikazzjonijiet u ma setax ikun jaf ghax kien qieghed fuq dmirijiet mhux kompatibbli mal-grad ta' 'Duty Management Officer', gewwa d-Dipartiment tal-Muzewijiet fil-Belt Valletta, fejn kien gie trasferit.

Illi fl-10 t' April 1991 kien hemm sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-karigi ezekuttivi. Ir-rikorrent ma kienx jaf biha, u lanqas li kieku kien jaf biha, huwa dak iz-zmien kien wisq skoncernat biex japplika. Huwa kellu 'lack of opportunities' fil-post fejn kien gie trasferit - il-Muzew ta' L-Arkeologija. B' din is-sejha ghall-applikazzjonijiet dahlu nies ferm anqas kwalifikati u minghajr esperjenza fil-'management' tal-'Air Terminal' u minghajr esperjenza fil-grad ta' 'Management Officers'.

Fid-19 ta' Settembru 1991, ir-rikorrent mar lura fl-'Air Terminal Department' fejn kif qal aktar qabel, kien hemm tmexxi l-'Malta International Airport Co. Ltd.', l-istess dipartiment tal-Gvern li kien jahdem fih. Huwa nghata xoghol mill-'Manager Administration' li ma kellux x' jaqsam mad-doveri tieghu ta' 'Duty Management Officer'.

Fis-27 ta' Novembru 1991, bi qbil bejn il-Gvern, l-M.I.A., il-'General Workers Union' u l-Union Haddiema Maghqudin,

gie ffirmat Memorandum of Understanding. Dan il-'memorandum' kien jinkludi lista ta' l-impjegati li kienu jahdmu fl-'Air Terminal Department' ta' Hal-Luqa. Dawn kellhom l-opportunita' li jigu trasferiti mal-M.I.A. Dawn il-listi jinkludu impjegati bi grad dipartimentali ta' l-'Air Terminal' u ohrajn bi gradi generali u ohrajn 'ad hoc' li ma kellhomx x'jaqsmu mal-gradi tad-dipartimenti ta' l-'Air Terminal'. Dan il-'memorandum' fil-fatt kien jixhed l-incentiv u l-garanzija li hajritu jaqleb minn mal-Gvern ghal mal-kumpanija.

Mal-'Memorandum of Understanding' hawn fuq isemmi nharget sejha applikazzjonijiet ghal postijiet ezekuttivi. Huwa applika ghal: (i) Air Terminal Executive, (ii) Customer Care Executive u (iii) Safety and Security Executive, rispettivament u sekwenza.

Biex ma tingieb l-ebda skuza u b'hekk jithalla barra mis-'secondment' mal-M.I.A. huwa zied biex japplika ghall-(iv) Air Terminal Officer, (v) Customer Care Officer u (vi) Safety and Security Officer.

L-'Administration Manager' ta' l-hatra (appointment) ta' 'Customer Care Officer' lir-rikorrent. Dan sar minghajr ma ghamlulu 'interview'. Meta sejhulu biex 'ikellmuh' gie mgharraf li gie moghti l-grad imsemmi. Huwa kellu jaccetta b'sforz, l-arroganza u il-grad li gie offrut lilu. Bhala impjegat salarjali, li hobz tal-familja jigi minn xoghlu ma setax jaccetta l-umiljazzjoni.

Fis-16 ta' Novembru 1994, sentejn wara li nghata l-grad imsemmi, sar jaf li min inghata grad ezekuttiv mal-kumpanija, kien sarlu 'interview'. Ir-rikorrent bhala 'Shop Steward' u membru ta' l -Ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport ta' l-GWU, flimkien ma' membri ohrajn ta' l-Union ma gewx moghtija din il-fakulta` waqt l-ghazla. Barra minn hekk l-M.I.A. zewg postijiet ezekuttivi, dak ta' Environment Executive u ta' Commercial Activities Executive. Dawn iz-zewg gradi ma kienux inkluzi fil-'Memorandum of Understanding'. B' hekk saret diskriminazzjoni fl-ghoti ta' dawn il-promozzjonijiet. Lir-rikorrent ma ghamlulux l-'interview' ghax kien 'pre-

determined' li lil Frederick Attard ma riduhx, tant li lanqas biss baghtu ghalih ghall-'interview'. Oltre dan, il-fatt li Frederick Attard kien ilu mas-sena nieqes telfu l-opportunita` li jiehu post ezekutttiv, ekwivalenti ma' l-'istandard' li kien igawdi fil-grad ta' 'Duty Management Officer' mas-Servizz Civili.

Fil-25 ta' Frar 1994 inharget 'memorandum' fejn minn fost tlettax-il Officer ir-rikorrent biss tnehha minghajr ebda raguni 'Customer Care Officer'. Dan sar mill-'Manager Marketing and Operations'. Wara protesta bil-miktub mis-Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers Union is-Sur Tony Zarb, datata 26 ta' Frar 1994, ir-rikorrent gie moghti direttiva ufficjali mill-Union tieghu biex ma jibdilx xoghlu. Ghax obda din id-direttiva legittima tal-Union tieghu, ufficjalment rikonoxxuta mill-M.I.A. ir-rikorrent gie sospiz fit-3 ta' Marzu 1994. L-ghada 4 ta' Marzu 1994 wara li kienet sejra tigi attwata l-azzjoni industrijali dikjarata mill-G.W.U. saret laqgha gewwa il-'Workers Memorial Building', mal-'Management' ta' l-M.I.A., fejn giet irtirata is-sospensjoni. Kienet giet iffirmata dikjarazzjoni mill-Kumpanija u l-Union fejn it-trasferiment tar-rikorrent kien il-bidu ta' programm ghall-impjegati kollha tal-kumpanija f' dak il-grad. Din kienet skuza ghax il-programm qatt ma twettaq mill-Kumpanija, hlief fil-konfront tar-rikorrent.

Waqt li r-rikorrent gie sospiz fit-3 ta' Marzu 1994, inhargitlu akkuza ohra. Din l-akkuza saret meta hu ezercita d-dritt fundamentali bhala ufficjal trejdjunjonistiku, meta attenda ghal 'Seminar' tal-GWU. Din l-akkuza giet irtirata wara intervent iehor tas-Sur Tony Zarb.

Fl-20 ta' Ottubru 1994 l-Malta International Airport harget memorandum, fejn uriet il-hsieb li tohloq zewg postijiet ta' 'Executive'. Wiehed ta' 'Duty Executive' u l-iehor ta' 'Terminal Data Centre Executive'. Ghal dan ta' l-ahhar, ma kien l-ebda sejha ghall-applikazzjonijiet.

Fl-10 ta' Novembru 1994, inhareg 'memorandum' iehor fejn il-Kumpanija gharfet lil ufficjali koncernati illi kienu sejrin isiru 'lectures' f' suggetti varji li r-rikorrent attenda.

Qabel l-ewwel 'lecture', fis-16 ta' Novembru 1994 sar diskors mid-'Deputy Chairman' fejn sar maghruf, illi fl-1991 saru l-'interviews' u nghataw hatriet fi gradi ezekuttivi lil 'Duty Management Officers' ohrajn. Dak in-nhar waqt il-laqgha r-rikorrent flimkien ma' shabu gibdu l-attenzjoni ghal nuqqas serju minn naha tal-Kumpanija meta din ma baghtitx ghalihom meta kienu applikaw ghal grad analogu mal-grad ta' 'Duty Management Officer'.

Il-General Workers Union permezz tas-Sur Tony Zarb kitbet lill-kumpanija fejn gharfita li kienu saru promozzjonijiet minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet u talbet biex il-grad ta' 'Duty Executive' jinghata lill-'Officers' kollha. Din l-ittra ggib id-data tat-12 ta' Jannar 1995.

Fis-27 ta' Jannar 1995 harget sejha ghal grad ta' 'Executive' mill-Kumpanija. Ir-rikorrent applika ghal dan il-grad. Wara li baghtu ghalih u ghamel l-'interview', ir-rikorrent beda jistenna biex jaghmel l-ezami. Dan kien kollu ghal xejn, peress li l-Kumpanija arbitrarjament u minghajr konsultazzjoni mal-Unions hassret l-ezami u waqqfet totalment il-process ta' l-ghazla. Dan sar maghruf f'memorandum' mahrug mic-'Chairman' tal-Kumpanija, li jgib id-data tat-12 ta' Gunju 1995. Fl-istess 'memorandum', ir-rikorrent gie mgharraf li kien sejjer jinholoq il-grad temporanju ta' 'Senior Officer', grad li lanqas kien jezisti fil-Ftehim Kollettiv'. Grad fuq bazi ta' Definite Contract ta' sitt xhur. Ir-rikorrent applika ghal dan il-grad fejn sarlu 'interview' iehor.

Ir-rikorrent rega' thalla barra mill-promozzjoni u gie maqbuz indebitament minn nies li (a) ma kellhomx kwalifiki akkademici daqsu, (b) fil-kaz ta' wiehed mill-kandidati maghzula, dan kien accetta kastig ta' sospensjoni wara li ammetta li hebb ghal superjur ta' fuqu, ftit gimghat qabel, (c) it-tlieta l-ohra huma maghrufa bhala Nazzjonalisti tal-qalba, fejn wiehed minnhom, kien kandidat politiku ma' l-istess Partit Nazzjonalista, iehor kien ex-ufficjal mis-Segretarjat Privat ta' l-ex Segretarju ghall-Energija u Ilma.

Wara li saru l-hatriet ta' 'Senior Officers', ir-rikorrent tilef is-'Seniority' tieghu, li suppost kien garantit mill-'Memorandum of Understanding' iffirmat fis-27 ta' Novembru 1991. Biex ikomplu jumiljawh, inghata l-post 'gdid' ta' 'Operations Officer'. Dan il-'posting' gdid kien gewwa kamra isolata, biswit (zewg metri boghod) il-kamra ta' izolament ghal mard infettiv gewwa l-ajruport. Biex jibqa' fl-izolament sahansitra impjegati membri tal-GWU fix-'shift' tieghu kienu mhedda li jittiehdu passi dixxiplinari kontra taghhom jekk jersqu lejh. Ma swew ghal xejn sforzi mis-Sur Tony Zarb u l-Ufficjal Mediku tal-Port biex is-sitwazzjoni ta' din il-kamra tinbidel. Fil-fatt it-Tabib Ewlieni tal-Portijiet kien iqis li dawn l-istess ufficjali ma kienx posthom hemm fil-kamra.

Ir-rikorrent dam sentejn u nofs f' din il-kamra. Il-posizzjoni inbidlet wara l-Elezzjoni Generali ta' Ottubru 1996, mill-Onorevoli Joe Debono Grech.

Ir-rikorrent tenna wkoll illi fejn il-maggoranza assoluta ta' l-impjegati mal-M.I.A. iggwadanjaw minn promozzjonijiet u 're-gradings', huwa ma kellu l-ebda gwadann simili ghax ghadu fil-grad li nghata minn meta nghaqad mal-Kumpanija. Huwa sahaq illi impjegati ta' grad inqas minnu gew promossi ghal grad simili u oghla minn tieghu. Minn posizzjoni gholja gie miftuh f'kategorija anqas li zgur ma tirriflettix il-posizzjoni li kellu fis-Servizz Civili.

Ir-rikorrent hass li sofra l-ingustizzja minhabba l-militantizmu tieghu favur shabu fi hdan il-General Workers Union, kemm bhala 'Shop Steward' ta' l-'Officers' kif ukoll bhala membru ta' l-Ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport ta' l-istess Union. Ta' min ighid illi din it-Taqsima kienet u ghadha influenti hafna fl-isfera ta' l-Ajruport.

Ir-rikorrent hass ukoll illi bhala membru attiv tal-Malta Labour Party, specjalment fix-xoghol ta' l-Elezzjoni Generali, attivita' li ilu jiehu sehem fiha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena sofra ingustizzja. B' din id-diskriminazzjoni, ir-rikorrent hass li sofra danni morali u finanzjarji ghax gie mtellef il-grad ta' 'Manager, Executive u Senior Executive'

aktar tard. B' dan kollu r-rikorrent sejjer jibqa' svantaggjat fl-avvanz fil-karriera tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib, biex isostni l-ilment tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoniji ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu billi jinghata l-hatriet u promozzjonijiet li huwa tilef u/jew li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont ta' LM5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat Malta International Airport p.l.c. li eccepiet: -

Illi r-rikorrent qed jikkontradixxi lilu nnifsu meta jghid li "B'din id-diskriminazzjoni, ir-rikorrent ihoss li sofra danni morali u finanzjarji ghax gie mtellef il-grad ta' Manager ... (para 13 tar-rikors). Dan peress li f'paragrafu 4 tar-rikors jghid li "fl-10 ta' April 1991 kien hemm sejha ghall-applikazzjoni tal-karigi ezekuttivi. Ir-rikorrent ma kienx jaf biha, u lanqas li kieku kien jaf biha, huwa dak iz-zmien kien wisq skoncernat biex japplika." Ma setax kien hemm diskriminazzjoni kontra r-rikorrent fl-ghoti tal-karigi ghall-grad ta' Manager meta hu stess jghid li kieku kien jaf biha, dak iz-zmien kien wisq skoncernat biex japplika." Din kienet sejha pubblika fil-gurnali lokali;

Illi hija prattika fil-pajjiz li meta l-kumpanija Malta International Airport p.l.c. tkun se taghti xi promozzjoni u/jew timla xi vakanza ghandha tikkunsidra l-htigijiet ta' l-impjieg u taghti l-kunsiderazzjoni mehtiega lill-fatturi bhal ma huma abbilta`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali fil-kumpanija. L-anzjanita` ('seniority') tigi kunsidrata biss f'kaz li jkun hemm aktar minn impjegat wiehed b'dawn il-fatturi kollha ndaqs u cioe'

"all things being equal, seniority will prevail." Din hija l-prattika anke mal-Malta International Airport p.l.c. gia' Malta International Airport Ltd., del resto, hu provdut anke fil-Ftehim Kollettiv li ghandha mal-Union rikonoxxuta;

Illi filwaqt f' paragrafu 7 tar-rikors jinghad li "L-Administration Manager ta l-hatra (appointment) ta' Customer Officer lir-rikorrent. Dan sar minghajr ma ghamlulu interview," fl-istess nifs jinghad li "meta sejhulu biex ikellmuh gie mgharraf li gie mghoti l-grad imsemmi." Ghalkemm ir-rikorrent hass li saret xi ingustizzja mieghu ghax, kif qed jallega, ma sarlux "interview" f' aktar minn sitt snin, qatt ma tkellem jew ipprotesta dwarha. Fil-fatt, fis-27 ta' Dicembru 1991 Frederick Attard accetta bil-miktub u minghajr xi riserva l-hatra tieghu ta' Officer b'effett mill-1 ta' Jannar 1992;

Illi l-kumpanija Malta International Airport p.l.c. cahdet bl-aktar mod kategoriku li "lir-rikorrent ma ghamlulux l-interview ghax kien pre-determined li lil Frederick Attard ma riduhx, tant li lanqas biss baghtu ghalih ghall-interview (para 7 tar-rikors). L-ghoti ta' promozzjonijiet hija prerogattiva ta' kull kumpanija kif huwa sottomess fl-ambitu ta' paragrafu 2, supra;

Illi hi zbaljata r-riferenza li qed issir f'paragrafu 8 tar-rikors ghal 'Customer Care Officer' (u tilwima ndustrijali li nqalet kawza tal-'memorandum' imsemmi tal-25 ta Frar, 1994), peress li skond il-Ftehim Industrijali li l-Kumpanija kellha dak iz-zmien mal-General Workers' Union u mal-Union Haddiema Maghqudin flimkien, u li Frederick Attard kien firmatarju ghalih, li kien b'sehh ghall-perjodu 1 ta' Jannar 1992 sal-31 ta' Dicembru 1994 ma kienx jezisti l-grad imsemmi izda kien jezisti biss il-grad ta' Officer;

Illi l-kumpanija intimata Malta International Airport p.l.c. tichad dak li ntqal f' paragrafu 8 tar-rikors u cioe` li "din kienet skuza ghax il-programm qatt ma twettaq mill-Kumpanija, hlief fil-konfront tar-rikorrent." Il-kumpanija Malta International Airport p.l.c. kienet u ghadha tinvolvi sal-lum lill-officers fi programmi simili. Fil-fatt, it-tilwima msemmija giet solvuta wara li, fost qbil iehor bil-miktub bla

riserva, Frederick Attard intrabat li "se jimxi skond il-memorandum imsemmi aktar 'il fuq minghajr kundizzjoni." Dan il-ftehim gie ffirmat ukoll, fost ohrajn, mis-Sur Tony Zarb in rapprezentanza tal-General Workers' Union, il-Union li kienet tirrapprezenta lil Frederick Attard u li fir-rikors jghid li kien membru ta’ Ezekuttiv taghha;

Illi f' paragrafu 10 tar-rikors jinghad li "ir-rikorrent rega' thalla barra minn promozzjoni u gie maqbuz indebitament ..." Din ir-riferenza hi ghal sejha ghall-applikazzjoni li l-kumpanija intimata ikkonfermat li harget fit-12 ta' Gunju, 1995, u li l-promozzjonijiet sussegwenti nghataw b'effett mill-1 ta' Lulju 1995 wara l-intervisti relattivi, li ghalihom gie mistieden jattendi r-rikorrenti (peress li applika ghas-sejha) kif fil-fatt ghamel. L-ilment tar-rikorrent Frederick Attard ma jistax jigi konsiderat minn dan it-Tribunal peress illi, skond Artikolu 5(4) ta' l-Att Numru VIII ta' l-1997, Att biex jipprovdi t-Twaqqif ta' Tribunal Indipendenti ghas-smiegh ta' l-ilmenti ta' certi ngustizzji li graw bejn 1987 u 1996, “dan l-Att ma ghandux japplika ghall-att jew ommissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 jew wara l-15 ta' Mejju 1995”;

Illi s-sejha ghall-applikazzjoni u l-promozzjonijiet sussegwenti li qed jissemmew f' paragrafu 7 aktar 'il fuq saru (kif tabilhaqq hu konfermat fir-rikors tar-rikorrenti) wara l-15 ta' Mejju 1995; cioe` barra z-zmien li ghalih huwa applikabbli l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji li tahtu qed isiru dawn il-proceduri;

Illi, "il-kamra isolata" li qed saret riferenza ghaliha mir-rikorrent f' paragrafu 11 tar-rikors tieghu, kienet tinstab (ghax, minn dak iz-zmien, giet trasferita ghal post iehor) fl-Arrivals Area minn fejn jghaddu l-passiggieri kollha li jaslu Malta, xi zewg metri ’l boghod mill-ufficcju tat-tabib ta’ l-ajruport u tal-‘clinic’ ta’ l-immigrazzjoni u ta’ l-ufficcji l-ohra. Dan l-ufficju gie allokat dan il-post biex l-impjegati fil-grad ta’ Officer fl-Operations Department tal-Kumpanija (li r-rikorrent kien wiehed minnhom) u li, minn zmien ghal zmien, kien imisshom jaghmlu x-xoghol ta’ Ground

Operations, kienu jkunu vicin ta’ l-‘apron’ (fit-tarf tal-kuridur) li kien responsabbilita` taghhom;

Illi, hu zbaljat li jinghad li r-rikorrent “inghata l-post gdid ta’ ‘Operations Office’ (paragrafu 11 tar-rikors). Kif diga` nghad aktar ’il quddiem - skond il-Ftehim Kollettiv li l-kumpanija Malta International Airport p.l.c. originarjament kellha mal-General Workers’ Union u mal-Union Haddiema Maghqudin flimkien ghall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 1992 sal-31 ta’ Dicembru 1994, u li Frederick Attard kien firmatarju, u skond il-Ftehim Kollettiv li l-Kumpanija ghandha in vigore mal-Union Haddiema Maghqudin ghall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 1995 sal-31 ta’ Dicembru 1997 - la kien jezisti u lanqas ma jezisti l-grad imsemmi ta’ Operations Officer izda kien u ghadu jezisti biss il-grad ta’ Officer. Is-socjeta` intimata ma qablitx illi jaghti l-kaz illi r-rikorrent kien jew kellu ghalfejn ikun umiljat kif issottometta fir-rikors tieghu specjalment meta dan il-fatt qatt ma ngieb (qabel dan ir-rikors) a konjizzjoni tal-kumpanija Malta International Airport p.l.c.;

Illi s-socjeta` Malta International Airport p.l.c. cahdet kategorikament li “biex jibqa’ fl-izolament sahansitra impjegati membri tal-GWU fix-shift tieghu kienu mhedda li jittiehdu passi dixxiplinari kontra taghhom jekk jersqu lejh.” Il-kumpanija Malta International Airport p.l.c. qatt ma ghaddielha minn mohhha li tohrog dawn l-istruzzjonijiet, certament qatt ma harget dawn l-istruzzjonijiet u, wisq aktar, qatt ma heddet lil xi impjegati taghha li jittiehdu passi dixxiplinari kontrihom jekk jersqu lejn ir-rikorrent Frederick Attard;

Illi, is-socjeta` cahdet li “minn pozizzjoni gholja gie mitfuh f’ kategorija anqas li zgur ma tirriflettix il-pozizzjoni li kellu fis-Servizz Civili” (paragrafu 12 tar-rikors). L-‘appointment” ta’ Officer li r-rikorrent accetta bil-miktub bla riserva fis-27 ta’ Dicembru 1991 b’effett mill-1 ta’ Jannar 1992, u li qatt ma oggezzjonaw ghalih la r-rikorrent u lanqas il-GWU u/jew il-UHM, kien - skond il-Memorandum of Undertsanding tas-27 ta’ Novembru 1991 li gie iffirmat bejn il-Gvern, il-Kumpanija, il-General Workers’ Union u l-

Union Haddiema Maghqudin - “a post similar to that formerly held by them in Government Service.”

Illi, kieku s-socjeta` Malta International Airport p.l.c. ma segwietx il-provediment tal-Memorandum of Understanding tas-27 ta’ Novembru 1991, kien certament li l-Unions, u b’mod partikolari l-General Workers’ Union, li r-rikorrent qed jghid fir-rikors li kien membru militanti taghha u sahansitra membru f’ wiehed mill-Kumitati Ezekuttivi taghha, kienu jipprotestaw u joggezzjonaw. Mhux talli dan ma sarx, talli zewg Unions accettaw il-hatriet/l-‘assimilations’ kollha minn mal-Gvern ghal mall-Kumpanija kif saru minghajr qatt, sallum ma ressqu xi oggezzjoni jew protesta;

Illi, fir-rikors gie allegat ukoll li “sofra l-ingustizzja minhabba l-militantizmu tieghu favur shabu fi hdan il-General Workers’ Union, kien hemm bhala Shop Steward ta’ l-Officers kif ukoll “bhala membru ta’ l-Ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport ta’ l-istess Union.” Gie allegat ukoll li r-rikorrent bhala membru attiv tal-Malta Labour Party; specjalment fix-xoghol ta’ l-Elezzjoni Generali, attivita` li ilu jiehu sehem fiha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena sofra ingustizzja.” Is-socjeta` Malta International Airport p.l.c. cahdet bl-aktar mod enfatiku li xi darba ttiehdu minnha dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-konfront ta’ xi impjegat taghha fosthom tar-rikorrent. Is-socjeta` Malta International Airport p.l.c. dejjem u f’kollox imxiet bl-aktar mod professjonali u qatt ma ppermettiet li hwejjeg estraneji ghax-xoghol taghha jikkundizzjonaw l-agir taghha b’mod partikolari vis-a`-vis l-impjegati taghha;

Illi fir-rikors saru diversi allegazzjonijiet, fosthom - ferm sinifikanti u rilevanti - dawk imsemmija f’paragrafu 14 aktar ’il fuq . Is-socjeta` Malta International Airport p.l.c. ssottomettiet illi “imcubus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat” u ghalhekk ghandu jipprova l-kaz min jallega xi haga u mhux min jichadha. Ghaldaqstant, il-kumpanija Malta International Airport p.l.c. filwaqt li cahdet kategorikament u bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront taghha, stenniet illi r-rikorrent jew

jipprova l-allegazzjonijiet imressqa minnu jew inkella jirtirahom;

Illi gie rilevat li s-socjeta` Malta International Airport p.l.c. giet inkorporata fis-16 ta' Mejju 1991 u kien fl-1 ta' Jannar 1992 li assumiet l-impjieg ta' dawk l-impjegati li sa dik id-data kienu mpjegati tal-Gvern u cioe` ma' dak li kien l-Air Terminal Department u ghaldaqstant ma setghetx kienet responsabbli ghall-allegazzjoni kontenuta f'paragrafu 2 tar-rikors Frederick Attard u cioe` li "Wara l-elezzjoni ta' l-1987 u f' perjodu differenti ... b'mod irregolari bdew jahdmu x-xoghol ta' Duty Management Officer";

Illi bejn is-16 ta' Mejju 1991 u l-31 ta' Dicembru 1991 l-impjegati tal-Kumpanija kienu biss is-segwenti: George Papagiorcopulo, Dott. Loredana Gatt u Simon Naudi (li ma ghadhomx fl-impjieg tal-Kumpanija), Mario Cuomo, Norman Cassar, Austin Calleja u Emmanuel Briffa;

Illi peress li kien fl-1 ta' Jannar 1992 li l-Kumpanija assumiet l-impjegati li kienu ma' l-ex Air Terminal Department, cahdet li "fid-19 ta' Settembru 1991 ... jaghti xoghol li ma kellux x'jaqsam mad-doveri ta' Duty Management Officer" lil Frederick Attard kif qed jintqal f'paragrafu 5 tar-rikors.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, gie sottomess li t-talba rikorrenti hija nfondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra r-risposta ta' l-intimati, il-Ministru ghat-Trasport u Portijiet li eccepixxa:-

Illi preliminarjament huwa ma kienx jokkupa l-kariga ta' Ministru fi zmien li ghalih jirreferi l-ilment.

Illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181 (B) tal-Kap 12.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ra l-verbal tas-27 ta' Jannar 2000 li permezz tieghu l-Malta International Airport p.l.c. iddikjarat li l-Air Terminal Board of Management kien Bord temporanju li ha hsieb it-twaqqif tal-Malta International Airport p.l.c.

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit li fih ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Wara l-elezzjoni tal-1987 intbaghtu diversi persuni maghrufin ghall-kulur politiku taghhom biex jahdmu fl-"Air Terminal". Fost dawn in-nies kien hemm uhud li b'mod irregolari bdew jahdmu ix-xoghol ta' DMO ghaliex ma kien hemm l-ebda sejha ghall-applikazzjonijiet. Fosthom kien hemm Joe Camilleri, impjegat bhala electrician mal-Malta DryDocks u ex-kandidat politiku tal-Partit Nazzjonalista. Kien hemm ukoll min kellu parentela (kugini) mal-Assistant Air Terminal Manager, is-Sur Richard Farrugia (ex-Inland Revenue) huh is-Sur George Farrugia u s-Sur Alfred Buttigieg (Ex-Wharf Supervisors ix-xatt). Dawn marru jahdmu l-"Air Terminal" bl-istess appointment li kellhom ix-xatt u l-Inland Revenue.

Fl-10 ta' April 1991 l-"Air Terminal Board of Management" rega' hareg sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-karigi ezekuttivi. Hawn regghet ma hargitx sejha interna fid-dipartimenti tal-Gvern. Id-dritt ta' "right of first refusal" ghal vakanzi ezekuttivi gie injorat ghax hekk kien jaqbel biex jidhlu l-"blue eyed boys" sostna r-rikorrent. Fid-19 ta' Settembru 1991 rega' lura fl-Air Terminal Department li sadanittant sar responsabilita` tal-Malta International Airport. Is-Sur Ciarlo` nhatar "Air Terminal Executive" meta applikaw flimkien ghal dan il-grad. Aktar tard hu rrizenja minn "Air Terminal Executive" u mar lura mal-

Gvern. Is-Sur Joseph Sciavone DMO li kien inhatar "Customer Care Executive' sar floku u nghata promozzjoni ghal Executive 2. Dan minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet meta kien hemm Ftehim Kollettiv "in vigore". Fis-27 ta' Novembru 1991 gie ffirmat il-"Memorandum of Understanding" bejn il-Gvern, l-MIA Co. Ltd. u l-UHM.

Applika b'ittra datata 6 ta' Dicembru 1991 ghall-postijiet vakanti ta' Air terminal Executive, Customer Care Executive, Safety and Security Executive rispettivament u sekwenza. Dawn kienu l-gradi kompatibbli mal-grad li kellu r-rikorrent bhala DMO. Il-grad ta' Duty Management Officer kien superjuri fl-iskala salarjali ghal dak ta' "Executive Officer". Sostna li kellu snin shah ta' esperjenza fit-tliet gradi flimkien meta kellu l-hatra ta' DMO. Biex ma tingieb l-ebda skuza u b'hekk jithalla barra mis-"secondment" mal-MIA Co. Ltd. applika wkoll ghal Air Terminal Officer, Customer Care Officer u Safety and Security Officer. Sostna li saru irregolaritajiet fl-impjieg ta' Richard Farrugia, Oswald Tanti u David Cassar.

Semma li ghal kuntrarju kien hemm ftehim Kollettiv "in vigore" meta regghet saret disriminazzjoni mieghu. Fis-27 ta' Dicembru 1993 harget lista ta' mpjegati li hadu numru ta' promotions fosthom ta' "Senior Executive II". Dan minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet. Fosthom kien hemm is-Sur Joe Schiavone (li ha id-doveri ta' Air Terminal Executive) u s-Sur Alfred Mangion (Wiehed irid jinnota li l-vakanza ta' "personnel Executive okkupata mis-Sur Alfred Mangion kienet harget ghall-impjegati tal-Air terminal Department u wara li ma kienx hemm applikazzjonijiet harget fil-gazzetti.

Fis-16 ta' Novembru 1994 sentejn wara li nghata l-grad imsemmi sar jaf minn fomm is-Sur Mario Cuomo li min kien inghata grad ezekuttiv mal-kumpanija kien sarlu interview. Fost dawk li hadu l-hatra ta' Executives kien hemm min ma kellux GCE "A" level "standard" kif kien mitlub. Dawn kienu s-Sur David Cassar, is-Sur Vincent Farrugia, u s-Sur Oswald Tanti. Illum dawn ghandhom il-grad ta' Manager. Sostna li hu ma giex moghti din il-

fakulta waqt l-ghazla u b'hekk saret diskriminazzjoni fl-ghoti ta' dawn il-promozzjonijiet.  Lilu ma ghamlulux l-interview ghax kien predetermined li lilu ma rieduhx tant li lanqas baghtu ghalih. B'riferenza ghar-risposta tal-MIA fejn biex tinghata 'appointment" jigu ikkunsidrati fatturi bhala abbilita`, efficjenza, addattar, kwalifiki akkademici u mgieba generali sostna li kellu jinghata l-grad jekk mhux qabel, flimkien mal-istess impjegati li hadu l-appointment ta' executive fl-1991.  Fil-25 ta' Frar 1994 inhareg 'memorandum' fejn minn fost tlettax-il "Officer" hu biss tnehha minghajr ebda raguni minn "Customer Care Officer.

Fl-1994 il-GWU permezz tas-Sur Tony Zarb kitbet lill-Kumpanija fejn gharrfitha li kienu saru promozzjonijiet minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet u talbet biex il-grad ta' Duty Executive jinghata lill-Officers kollha.  Din l-ittra ggib id-data tat-12 ta' Jannar 1995

Fis-27 ta' Jannar 1995 harget sejha ghal grad ta' Executive mal-Kumpanija u r-rikorrent applika.  Baghtu ghalih ghal 'interview', izda l-Kumpanija arbitrarjament u minghajr konsultazzjoni mal-Unions hassret l-ezami u waqqfet totalment il-process tal-ghazla. "Seniority" li suppost kienet dejjem garantita mill-"Memorandum of Understanding' ta' 27 ta' Novembru 1991.

Hass li sofra l-ingustizzja minhabba il-militantizmu tieghu favur shabu fi hdan il-GWU, kemm bhala "Shop Steward" tal-"Officers" bhala membru tal-Kumitat Ezekuttiv tat-Taqsima Port u Trasport tal-istess Union.  Hass ukoll illi bhala membru attiv tal-Malta Labour Party, specjalment fix-xoghol tal-Elezzjonijiet Generali attivita` li ilu jiehu sehem attiv fiha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena sofra ingustizzji.  B'din id-diskriminazzjoni sostna li gie mtellef il-grad ta' Executive/Manager/ Division Manager.

In kontro-ezami zied li l-ilment tieghu f` din il-kawza huwa bazat fuq il-fatt li ma nghatax l-opportunita` li japplika ghall-kariga ta` VIP Executive kif ukoll promozzjoni ohra fejn ma kien gie appuntat hadd ghal dak il-post.

Zied li dwar is-sejha li saret ghal Executives fl-1991, din kienet saret mill-Air Terminal Board of Management li kien inkarigat mill-Gvern u mhux mill-MIA. Hu anqas biss kien jaf li saret is-sejha.

Qabel ma gie trasferit fl-1994 kien parti mill-Marketing & Operations Department. Wara li ha dan it-transfer xorta wahda baqa' parti minn dan id-dipartiment imma wiehed jiddilja ma' aspetti totalment differenti tieghu. Ir-responsabbilta` l-istess baqghet.

Riferibbilment ghas-sejha tas-27 ta' Jannar 1995 ghal executive tal-MIA din giet irtirata fil-konfront ta' kull min applika ghaliha. Hadd ma nghata l-grad imsemmi ta' Executive pero` harget ohra ghal Senior Officer fuq temporary basis. Dan meta fit-12 ta' Gunju hareg memorandum iffirmat mic-chairman. Senior Officer kienu saru kollha ta' kulur politiku.

Gie prezentat affidavit ta' Odelon Mangion "Duty Management Officer" mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Semma li f'Mejju 1988 gie trasferit, flimkien mal-kollegi tieghu, inkluz is-Sur Fredrick Attard ghal mal-Air Terminal Department, meta dan gie hived off mill-bqija tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Fl-1991 Frederick Attard li kien ix-Shop Steward tad-Duty Management Officers membri tal-GWU kien diga tnehha u trasferit ghal mad-Dipartiment tal-Muzewijiet. F'Jannar ta' l-istess sena d-dipartiment beda jitmexxa mill-'Air Terminal Board of Management". Is-Sur George Papagiorcopulo kien inhatar bhala "Deputy Chairman/Chief Executive" ta' l-Air Terminal Board of Management". Is-Sur George Papagiorcopulo kompla jmexxi meta f'Mejju tal-1991 inhatar 'Deputy Chairman"/Managing Director" tal-Malta International Airport Co. Ltd. Imexxu id-dipartiment flimkien mieghu inhatru persuni fi grad ta' Senior Executives. Dawn il-persuni gew reklutati minn barra c-Civil u nhatru wara sejha ghall-applikazzjonijiet li hargu fuq il-gazzetti lokali. F'Settembru 1991 rega' ltaqa mar-rikorrent meta dan gie lura mid-Dipartiment tal-Muzewwijiet. Hu ghamel perjodu jahdem bid-Day Duties.

Fis-27 ta' Novembru 1991 gie ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn l-OPM, l-MIA Co. Ltd., il-GWU u l-UHM. Ma dan il-memorandum hargu applikazzjonijiet ghal diversi hatriet. Wara l-hatriet tas-"Senior Executives" (Managers) hargu l-hatriet ta' l-"Air Terminal Executive", "Customer Care Executive" u "Safety and Security Executive". Bhala xoghol l-"Executive Grades" tal-Kumpannija kienu relatati mal-appointment li kellu x-xhud ta' "Duty Management Officer".

Ftit granet wara baghat ghalih is-Sur Mario Cuomo wahdu u qallu li kien inghata l-hatra ta' Air Terminal Officer. Irrifjuta li jiffirma ghal din il-hatra ghax qatt ma kien applika ghal dan il-grad, aktar u aktar meta qatt ma kienu baghtu ghalih biex jaghmel l-interview ghal hatra ta' "Air Terminal Executive" u "Customer Care Executive". Ghalhekk iddecieda li ma jaccettax li jimpjega ruhu mal-Malta International Airport Co. Ltd.

Hass li saru ingustizzji ghax bhala "Senior Executive"/"Managers inhatru persuni li ma kellhomx kwalifiki mitluba skond is-sejha li saret mill-Air Terminal Board of Management" u li wara l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding inghataw il-hatriet ta' Executives lill-impjegati tal-Air Terminal Department fosthom ufficjali mill-General Service Grades u Duty Management Officers li kienu jahdmu mieghu u kien senior taghhom. Hass li l-istess ingustizzja soffrija is-Sur Frederick Attard ghall-istess ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Cassar li semma li fit-18 ta' Jannar 1984 jien gie mahtur bhala 'Duty Management Officer' mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u baqa' jaqdi d-doveri tieghu bl-istess 'appointment' fl-'Air Terminal Department" meta dan inqata' mill-bqija tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, f'Mejju ta' 1988. Dan ghamlu flimkien mad-Duty Management Officers l-ohra inkluz is-Sur Frederick Attard. F'Jannar ta'1991 l-Air Terminal Department beda jitmexxa mis-Sur George Papagiorcopulo. L-Air Terminal Board of Management fl-

10 ta' April 1991 hareg applikazzjonijiet ta' Senior Executives. Din is-sejha harget fil-gazzetti lokali biss u ma hargitx fil-Gazzetta tal-Gvern. Ir-rikorrent mar lura fid-dipartiment f'Settembru 1991. Fis-27 ta' Novembru 1991 hargu l-applikazzjonijiet ghal Executives. Qatt ma gie msejjah u qatt ma deher quddiem xi Board of Interviews ghal hatriet li nghataw fl-MIA Co. Ltd. Bejn Novembru tal-1994 u Jannar 1995 attenda diversi courses organizzati mill-kumpanija bi preparazzjoni ghall-ezami fil-grad ta' Executive. Wara dan l-ezami kellhom jaghmlu interview izda kollox gie mhassar. Wara harget sejha ohra on a temporary basis ghall-grad ta' Senior Officer u dawk li nahtru kienu nies assocjati mal-Partit Nazzjonalista u bil-parentela ma' Richard Farrugia.

Gardner Bell ipprezenta affidavit fejn semma li fis-27 ta' Novembru 1991 sar il-Memorandum of Understanding bejn OPM, UHM, GWU u l-MIA Co. Ltd. u mieghu hargu l-applikazzjonijiet ghal diversi hatriet. Semma li lilu ma sarlu l-ebda ezami b'interview jew xort' ohra kemm ghall-grad ta' Officer kif ukoll ghal dak ta' Executive mal-Malta International Airport Co. Ltd. Fis-16 ta' Novembru 1994 is-Sur George Papagiorcopulo Managing Director flimkien mas-Sur Mario Cuomo, waqt laqgha ta' introduzzjoni ghal courses bi preparazzjoni ghal hatra ta' "executive' u li saret ghall-"Officers" tal-MIA stqarru li ghall-hatriet tal-Executives ta' l-1991 kienu saru interviews.

Fis-27 ta' Jannar 1995, harget is-sejha ghall-grad ta' Executive u x-xhud applika ghaliha. Kellu jsir l-ezami bil-miktub u interview. Sar bil-kontra. Saru l-interviews pero` l-ezami bil-miktub thassar. Din is-sejha ghal-Executive giet imhassra u ftit xhur wara flokha harget sejha ghal 'Senior Officers". Dawn il-hatriet, li hargu fuq bazi temporanja nhargu b' interview biss.

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Salerno li semma li fl-1991 minghajr ma sarlu ebda interview tawh appointment ta' Safety and Security Officer.

Xehed Anglu Mallia Assistant Director fl-ufficcju tal-Permanent Secretary tal-Ministeru tat-Trasport u Portijiet li

semma li r-rikorrent qatt ma kien impjegat fil-Ministeru tat-Trasport. Attard kien hemm zmien li kien impjegat tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili li huwa wiehed mid-dipartimenti li jaqa’ taht il-kappa tal-Ministeru tat-Trasport u Portijiet. Illum il-gurnata l-Ministeru huwa tat-Trasport u Komunikazzjonijiet.

Illum il-gurnata l-MIA ma ghandha b’ ebda mod x’ taqsam mal-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjonijiet izda semmai li ghandha responsabbilta` huwa l-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomici. Il-Malta International Airport qatt ma kienet taqa’ taht il-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjonijiet.

**KONKLUZJONIJIET:**
Fil-11 ta’ Lulju, 2000 ir-rikorrent ceda r-rikors fil-konfront tac-Chairman Air Terminal Board of Management.

Illi l-Ministru tat-Trasport u Portijiet eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Ikkunsidra li certament il-Ministru tat-Trasport u Portijiet ma hux il-legittimu kontradittur. [Ara rikors 196/97 deciz fid-9 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tat-Trasport u Portijiet.

Ghall-istess motivi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghat-Trasport u Portijiet mhuwiex il-legittimu kontradittur u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Fil-kors tal-kawza ssemmew promozzjonijiet fil-kors ta’ u wara l-1995. Jinghad li l-artikolu **5** (4) tal-Kap 394 jghid:

“Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta’ Mejju, 1987 jew wara l-15 ta’ Mejju, 1995.” Ghalhekk it-Tribunal ma hux kompetenti jezamina ilmenti dwar promozzjonijiet li graw wara l-15 ta’ Mejju, 1995 minhabba li jezorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis.***

Irrizulta li l-fatti tal-kaz kienu hekk. Ir-rikorrent kien inghata l-hatra (appointment) fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, fil-grad ta' 'Duty Management Officer', b'effett mid-19 ta' Marzu 1986. Hu sostna li wara l-elezzjoni ta' 1987 u f'perjodi differenti, intbaghtu diversi persuni biex jahdmu fl-'Air Teminal' u li fost dawn in-nies kien hemm uhud li, b'mod irregolari bdew jahdmu x-xoghol ta' 'Duty Management Officers' u li llum hu jinsab maqbuz minnhom.

Fl-20 ta' Frar 1991 u fl-10 t' April 1991, meta r-rikorrent kien trasferit fil-Muzew ta' l-Arkeologija fil-Belt Valletta, l-'Air Terminal Board of Management' hareg applikazzjoni ghal postijiet ezekuttivi. Ir-rikorrent sostna li ma kienx jaf b'din is-sejha ghall-applikazzjonijiet u ma setax ikun jaf ghax kien qieghed fuq dmirijiet mhux kompatibbli mal-grad ta' 'Duty Management Officer', gewwa d-Dipartiment tal-Muzewijiet fil-Belt Valletta, fejn kien gie trasferit. B' din is-sejha ghall-applikazzjonijiet dahlu nies ferm anqas kwalifikati u minghajr esperjenza fil-'management' tal-'Air Terminal' u minghajr esperjenza fil-grad ta' 'Management Officers'. Fid-19 ta' Settembru 1991, ir-rikorrent mar lura fl-'Air Terminal Department' fejn kien hemm tmexxi il-'Malta International Airport Co. Ltd.' u hu nghata xoghol li ma kellux x' jaqsam mad-doveri tieghu ta' 'Duty Management Officer'.

Fis-27 ta' Novembru 1991, bi qbil bejn il-Gvern, l-M.I.A., il-'General Workers Union' u l-Union Haddiema Maghqudin, gie ffirmat Memorandum of Understanding li permezz tieghu l-impjegati li kienu jahdmu fl-'Air Terminal Department' ta' Hal-Luqa kellhom l-opportunita' li jigu trasferiti mal-M.I.A. Mal-'Memorandum of Understanding' inharget sejha ta’ applikazzjonijiet ghal postijiet ezekuttivi u r-rikorrenti applika ghal

(i) Air Terminal Executive,
(ii) Customer Care Executive u
(iii) Safety and Security Executive.
(iv) Air Terminal Officer,
(v) Customer Care Officer u
(vi) Safety and Security Officer.

L-'Administration Manager' ta' l-hatra (appointment) ta' 'Customer Care Officer' lir-rikorrent. Dan sar minghajr ma ghamlulu 'interview'. Izda hu kien interessat fl-ewwel tliet gradi.

Min inghata grad ezekuttiv mal-kumpanija, kien sarlu 'interview'. Ir-rikorrent bhala 'Shop Steward' u membru ta' l -Ezekuttiv tat- Taqsima Port u Trasport ta' l-GWU, flimkien ma' membri ohrajn ta' l-Union ma gewx moghtija din il-fakulta` waqt l-ghazla.

Fl-20 ta' Ottubru 1994 l-Malta International Airport harget memorandum, fejn uriet il-hsieb li tohloq zewg postijiet ta' 'Executive'. Wiehed ta' 'Duty Executive' u l-iehor ta' 'Terminal Data Centre Executive'. Ghal dan ta' l-ahhar, ma kien hemm l-ebda sejha ghall-applikazzjonijiet. Il-General Workers Union permezz tas-Sur Tony Zarb kitbet lill-kumpanija fejn gharrfitha li kienu saru promozzjonijiet minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet u talbet biex il-grad ta' 'Duty Executive' jinghata lill-'Officers' kollha. Din l-ittra ggib id-data tat-12 ta' Jannar 1995.

Fis-27 ta' Jannar 1995 harget sejha ghall-grad ta' 'Executive' mill-Kumpanija u r-rikorrent applika ghal dan il-grad. Wara baghtu ghalih u ghamel l-'interview'. Izda l-Kumpanija hassret l-ezami u waqqfet totalment il-process ta' l-ghazla.

Wara r-rikorrent gie mgharraf li kien sejjer jinholoq il-grad temporanju ta' 'Senior Officer' u applika izda thalla barra mill-promozzjoni u gie maqbuz minn nies li (a) ma kellhomx kwalifiki akkademici daqsu, u t-tlieta l-ohra huma maghrufa bhala Nazzjonalisti tal-qalba, fejn wiehed minnhom, kien kandidat politiku ma' l-istess Partit Nazzjonalista, iehor kien ex-ufficjal mis-Segretarjat Privat

ta' l-ex Segretarju ghall-Energija u Ilma.  Wara li saru l-hatriet ta' 'Senior Officers', ir-rikorrent tilef is-'Seniority' tieghu, li suppost kien garantit mill-'Memorandum of Understanding' iffirmat fis-27 ta' Novembru 1991.

Ir-rikorrent sostna li bhala membru attiv tal-Malta Labour Party, specjalment fix-xoghol ta’ l-Elezzjoni Generali, attivita` li ilu jiehu sehem fiha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena sofra ingustizzja.  B' din id-diskriminazzjoni, ir-rikorrent hass li sofra danni morali u finanzjarji ghax gie mtellef il-grad ta' 'Manager, Executive u Senior Executive' aktar tard.  B' dan kollu r-rikorrent sejjer jibqa' svantaggjat fl-avvanz fil-karriera tieghu.

F’ dan l-istadju t-Tribunal ihoss li ghalkemm ir-rikorrent ilmenta minn kwantita` kbira ta’ affarijiet ghandu jikkoncentra biss fuq tliet ilmenti ghax kull ma ghamlu l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent huma li hawdu l-kawza u tawwlu l-proceduri inutilment.  Kif issemma fuq dawk l-ilmenti ta’ wara l-Mejju 1995 mhux ser jigu kunsidrati u t-Tribunal ihossu li ghandu jillimita ruhu ghat-tliet ilmenti u cioe` dak in segwitu tal-applikazzjonijiet tas-27 ta’ Novembru 1991, tas-27 ta’ Jannar 1995 ghal Executive u dawk ta’ Senior Officers fl-1995.

Irrizulta li fis-27 ta’ Novembru 1991 kien iffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Gvern, l-MIA, GWU u UHM u r-rikorrent applika ghal sitt pozizzjonijiet wara li kien ilu jaghmel xoghol ghal zmien twil.  Gara li l-MIA qabdet u ghamlet **Direct Appointments u sahansitra appointments li qatt ma kien hemm sejha ghall-applikazzjoni ghalihom**.  Irrizulta li ma saru ebda interviews hlief possibbilment lil xi ftit minn nies.  Saru appointments lil nies li anqas biss kellhom skola sekondarja sufficjenti jew kwalifiki bhal tar-rikorrent.  Gew mahtura nies b’ diversi kwalifiki anqas mir-rikorrent u cioe` Vince Farrugia u David Cassar.  Ghalhekk fil-konfront tar-rikorrent saret ingustizzja mieghu meta hu ma nghatax il-hatra ta’ Air Terminal Executive in segwitu tal-applikazzjonijiet tas-6 ta’ Dicembru 1991.

It-Tribunal sejjer jezamina issa l-applikazzjonijiet tas-27 ta' Jannar 1995 ghal Executives. Gara izda li fit-12 ta' Gunju 1995 thassret din il-call u giet sostitwita bi grad ta' Senior Officer fuq bazi temporanja, liema grad ma kienx jezisti fil-Collective Agreement. L-MIA ma tat ebda raguni valida fil-kors tal-kawza ghaliex din saret u ghalhekk hawnhekk ukoll giet kommessa ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Izda l-irtirar maghmul mill-MIA sar fit-12 ta' Gunju 1995 u ghalhekk wara d-data msemmija tal-15 ta' Mejju 1995 kif titlob il-ligi fl-artikolu 5(4) tal-Kap. 394.

Dwar il-hatra ta' Ufficjali ghal Senior Officers ir-rikorrent kien applika wkoll izda ma giex maghzul. Ir-rikorrent gie maqbuz minn erbgha minn nies li kienu maghrufa ghall-gibdiet politici taghhom u t-Tribunal jinsab anke aktar preokkupat billi effettivament ftit zmien wara nghata l-appointment permanenti wara li fl-applikazzjonijiet kien hemm li tali postijiet huma ta' natura temporanja. Dan ikompli juri element ta' ingustizzja f' li l-ewwel tohrog kariga mhux imsemmija fil-Collective Agreement, il-mod kif lahqu certu nies u l-mod ta' kif din saret ta' natura permanenti. Fil-fatt l-appointment permanenti nghata wara l-15 ta' Mejju 1995 u ghalhekk jezorbita l-kompetenza tat-Tribunal pero` fl-istess hin iservi ta' indikazzjoni kemm ir-rikorrent ma kienx qieghed jinghata t-trattament li jisthoqqlu.

Ghaldaqstant tirrizulta ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta wara l-applikazzjonijiet tal-1991 ghal Air Terminal Executive ma giex moghti tali hatra r-rikorrent. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Malta International Airport p.l.c. dwar dan l-aspett tal-ilment.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Air Terminal Executive b'effett mill-1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-Malta International Airport p.l.c.

---------------------------------TMIEM---------------------------------